MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**GABRIELLA VELLA**

Seduta tas-26 ta' Ottubru, 2010

Numru 1102/2010

**Il-Pulizija**
**(Spettur Trevor Micallef)**

**Vs.**

**Dylan Rodenas**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra Dylan Rodenas ta' tletin (30) sena, iben Mario u Francesca neè Dingli, imwieled San Giljan u residenti tas-Sliema, detentur ta' Karta ta' l-Identità bin-Numru 343080(M), talli f'dawn il-Gzejjer nhar il-25 ta' Ottubru 2010 ghall-habta ta' 2:30a.m., minn gewwa Cafè Olè, Triq il-Kbira, San Giljan, ikkommetta serq ta' hames mija u disghin Euro (€590) fi flus kontanti ghad-dannu ta' Emanuel Poland, liema serq

huwa aggravat bil-mezz, bil-valur u bil-hin, u talli rrenda ruhu recediv b'diversi sentenzi tal-Qorti;

Semghet ix-xhieda u rat l-atti kollha tal-kawza u d-dokumenti esebiti;

Rat illi l-imputat irregistra ammissjoni fi stadju bikri ta' dawn il-proceduri liema ammissjoni giet ikkonfermata minnu wara li l-Qorti a tenur ta' l-Artikolu 453(1) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta avzatu bil-konsegwenzi legali ta' dik l-ammissjoni u ikkoncedietlu zmien bizzejjed biex jerga' jikkonsidra t-twegiba tieghu u jerga' lura minnha;

Rat l-Artikoli 50, 261(b),(c) u (f), 263, 264(1), 267, 270 u 278(2) tal-Kap.9 tal-Ligijiet ta' Malta;

Ikkunsidrat:

Illi bl-ammissjoni tieghu ghall-akkuzi migjuba kontrih, din il-Qorti necessarjament ikollha ssib lill-imputat hati tar-reati addebitati lilu u tghaddi biex tippronunzja sentenza fil-konfront tieghu.

Madanakollu ghall-finijiet tal-piena l-Qorti hadet in konsiderazzjoni l-ammissjoni bikrija ta' l-imputat kif ukoll il-fatt li l-imputat, li ghandu l-vizzju tad-droga, jrid li jaghmel dak necessarju biex jehles minn dan il-vizzju.

Ghal dawn il-motivi l-Qorti, wara li rat Artikoli 50, 261(b),(c) u (f), 263, 264(1), 267, 270 u 278(2) tal-Kap.9 tal-Ligijiet ta' Malta, fuq ammissjoni ta' l-imputat, issibu hati ta' l-akkuzi migjuba fil-konfront tieghu izda, billi Hija tal-fehma li fic-cirkostanzi piena karcerarja ma hijiex il-piena idoenja partikolarment sabiex l-imputat jipprova jehles mill-vizzju tad-droga u billi jissussistu l-elementi ai termini ta' l-Artikolu 7(2) tal-Kap. 446 tal-Ligijiet ta' Malta, a tenur ta' l-Artikolu 7(1) tal-Kap.446 tal-Ligijiet ta' Malta tqieghed lill-imputat taht ordni ta' *probation* ghal perijodu ta' tlett (3) snin mill-llum, liema ordni huwa soggett ghall-kondizzjonijiet elenkati fid-Digriet moghti llum stess u anness ma' din is-sentenza, fosthom il-kondizzjoni a tenur

ta' l-Artikolu 7(5) tal-Kap.446 tal-Ligijiet ta' Malta li l-imputat jissottoponi ruhu ghall-kura mehtiega biex jehles mill-vizzju tad-droga u dana ghal dak il-perijodu necessarju li ma jkunx itwal mill-perijodu tal-*probation*, il-kondizzjoni ai termini ta' l-Artikolu 24 tal-Kap.446 tal-Ligijiet ta' Malta li fi zmien sitt (6) xhur mill-llum jhallas lura s-somma ta' €590 lil Emanuel Poland, u l-kondizzjoni li tul it-terminu ta' l-ordni ta' *probation* ma jersaqx lejn l-istabbiliment Cafè Olè u lejn il-persuna ta' Emanuel Poland.

Ai termini ta' l-Artikolu 7(7) tal-Kap.446 tal-Ligijiet ta' Malta l-Qorti fissret lill-imputat bi kliem car u li jinftiehem, l-effetti ta' l-ordni ta' *probation* u tal-kondizzjonijiet kollha elenkati fid-Digriet anness ma' din is-sentenza u li f'kaz li jonqos milli jikkonforma ruhu ma' dak l-ordni u dawk il-kondizzjonijiet u/jew f'kaz li jaghmel reat iehor tul it-terminu ta' l-ordni ta' *probation,* jista' jinghata sentenza ghar-reat li tieghu instab hati b'din is-sentenza.

Ai termini ta' l-Artikolu 7(8) tal-Kap.446 tal-Ligijiet ta' Malta, il-Qorti tordna li kopja ta' din is-sentenza u ta' l-ordni ta' *probation* moghti b'Digriet ta' llum stess ghandhom jigu trasmessi minnufih lid-Direttur tas-Servizzi ta' Probation sabiex jassenja ufficjal tal-*probation* biex ikun responsabbli ghas-sorveljanza ta' l-imputat.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------